MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 251/2010

**Artikoli 17, 31, 225 u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR 75 – Avviz Legali 128/1994 u l-Artikou 55 tal-Kapitolu 65.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**DARREN BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Darren Borg** ta' 27 sena bin Emanuel u Margaret nee' Camilleri, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1983, joqghod 'Emanga', Sqaq Fwieni, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 364583(M) gie akkuzat talli, fit-12 ta' Mejju, 2006 ghall-habta ta' xi 7.00 pm waqt li kien fi Triq l-Isqof Buhagiar, Paola:

**a)** b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwaqt li kien qieghed isuq u/jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru. ABL 546 ta' ghamla Hyundai, ikkaguna l-mewt ta' Carmel Fenech miz-Zejtun u dan bi ksur tal-artikolu 225, tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**b)** Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza.

**c)** Talli saq fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-fedina penali u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-5 ta’ Awwissu, 2010 esebiti fl-atti a fol. 30 fejn l-Avukat Genrali ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawa tigi trattata b’mod sommarju.

Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru, 2010 (fol. 31) li hija ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita.

**Rita Mangion** xehdet fit-30 ta’ April, 2010 u esebiet il-Proces Verbal redatt mill-allura Magistrat Inkwerenti Dr Michael Mallia llum Imhallef li gie mmarkat bhala Dok. RM 1. Il-Proces Verbal huwa dwar l-inkjesta li nzammet dwar il-kaz in desamina u cioe’ dwar l-incident fatali li sehh bejn karozza u mutur gewwa Triq Isqof Buhagiar, Rahal il-Gdid skond rapport tal-Pulizija datat 12 ta’ Mejju, 2006.

**Malcolm Spiteri** xehed fit-30 ta' April, 2010 fejn gie muri fol. 4 tal-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Michael Mallia. Huwa spjega illi dakinhar u cioe' fit-12 ta' Mejju, 2006 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Spettur fil-korp tal-pulizija u r-rapport li jinsab a fol. 4 huwa rapport tieghu li ghamel dwar din l-inkjesta. Huwa kkonferma li qed jaghraf il-firma tieghu fuq dan id-dokument u kkonferma wkoll li l-Magistrat Inkwerenti kien innomina diversi esperti f'din l-inkjesta.

Rat il-verbal tal-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' April, 2010 fejn ikkonfermat l-esperti kollha nominati fl-ikjesta u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit nominat fl-inkjesta Simon Saliba kif prezentata quddiem il-Magistrat tal-ghassa fl-atti tal-inkjesta nhar id-29 ta' Mejju, 2006 u inserita fl-atti odjerni. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta is-segwenti:-

a. *"Il-karozza kellha daqqa fuq quddiem u l-windscreen ta' quddiem kien imkisser.*
b. *Kien hemm skid marks qosra taht il-karozza ta' circa zewg metri.*
c. *Vicin tal-karozza circa nofs metru (0.5m) kien hemm il-crash helmet tas-sewwieq tal-mutur. Il-helmet kienet shiha u ma kinitx imtebba' bid-demm.*

*d. Il-katavru tas-sewwieq tal-mutur kien fl-art circa tlett metri (3.0m) il-boghod mill-karozza.*

*e. Il-mutur kien jinsab circa ghaxar (10.0m) il-quddiem mill-karozza. Il-mutur kellu daqqa fuq ir-rota ta' quddiem.*

*f. Kien hemm grif fl-art minn quddiem il-karozza safejn kien jinsab il-mutur. Dan jindika li l-mutur tkaxkar fid-direzzjoni opposta ta' dak li kien gej.*

*g. Fit-triq fejn sar l-incident il-linja tal-bini hi wiesgha madwar dsatax-il metru, dan quddiem il-faccata tal-proprjeta' bin-numru sitta u hamsin (56). Meta tigi mnaqsa l-bankina jirrizulta li t-triq hija wiesgha circa sbatax-il metru (17.0m). Nofs it-triq hija circa tmien metri u nofs.*

*h. Mill-faccata tal-proprjeta' numru sitta u hamsin (56) il-karozza kienet circa seba' metri u tmenin centimetri 'l barra (7.8m) ghalhekk circa sitt metri u tmien centimetri (6.8m) il-barra mill-bankina.*

*i. Dan jikkonferma li l-habta saret fil-parti tat-triq minn fejn kienet gejja l-karozza*."

Rat ir-relazzjoni tal-esperti patologisti nominati fl-inkjesta Professur Maria Theresa Camilleri u Dr Ali Safraz kif prezentata minnhom quddiem il-Magistrat tal-ghassa fl-atti tal-inkjesta nhar is-7 ta' Lulju, 2006 u nserita fl-atti odjerni. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li Carmel Fenech miet "*due to a fractured skull and intracranial haemorrhage following a motor vehicle accident*."

Rat ir-relazzjoni tal-espert tat-traffiku nominat fl-inkjesta Dr Stefano Filletti kif prezentata quddiem il-Magistrat tal-ghassa fl-atti tal-inkjesta nhar l-1 ta' Awwissu, 2006 u nserita fl-atti odjerni. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li xehdu s-segwenti xhieda.

**Mary Scerri** xehdet u spjegat illi ghall-habta tas-sebgha (7.00pm) ta' filghaxija hija kienet fil-gallerija u kienet qed thares fid-direzzjoni tal-ground. Xehdet ukoll illi f'daqqa wahda semghet hoss. Malli semghet l-impatt hi daret u rat l-incident. Xehdet li ma semghetx xi break qawwi. Rat is-sewwieq tal-mutur mal-art u s-sewwieq tal-vettura hiereg minnha.

**Chantelle Micallef** spjegat li dakinhar l-gharus taghha Darren Borg kien ghadda ghaliha ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu (05.00a.m) sabiex imorru x-xoghol flimkien l-SGS. Xehdet li waqfu mix-xoghol ghall-habat tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (12.00p.m) marru Mc Donalds u wara d-dar taghha fejn Darren Borg raqad ftit. Tghid li Darren Borg telaq mid-dar taghha ghall-habta tal-4.30.p.m. Xehdet li kienu miftiehma li jmorru jistadu Ras il-Hanzir. Iltaqghu ghall-habta tal-5.30p.m u waslu hemm ghall-habta tas-6.00p.m. Xehdet illi ghall-habta tas-6.30p.m telqu minn Ras il-Hanzir lejn Haz-Zabbar. Qalet li Darren kien qed isuq bil-mod ghaliex hija tqila u kkonfermat li r-radio tal-vettura kien mitfi ghaliex ma jahdimx. Ikkonfermat li Darren lanqas ma kien qed ikellimha pero' stqarret li f'daqqa wahda hareg mutur li ma kintix rat qabel u mal-impatt Darren waqaf.

**Chantelle Micallef** xehdet il-Qorti quddiem l-imputat u dan fis-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2013, seba’ snin wara l-incident fejn stqarret illi meta sar l-incident awtomobilistiku tat-12 ta' Mejju, dak iz-zmien kellha sitt xhur tqala u kienet mal-boyfirend taghha Darren Borg. Huma kienu fil-karozza u marru sa Ras Hanzir, il-Marsa ghax kien ikkonvinciha biex johrogu ghax bil-kemm kienet tohrog mid-dar u kienu marru siegha jistadu wara nofsinhar. Huwa kien saq il-karozza dakinhar u damu xi siegha jew saghtejn, mhux iktar. Wara kienet cemplitilha ommha ghax kienet lestitilhom l-ikel u hekk, u ghalkemm kien ghadu l-hin bdew mexjin bil-karozza lejn id-dar mill-Marsa ghal Haz-Zabbar. Il-karozza kienet Hyundai Getz u tappartjeni lill-imputat. Huwa kien qed isuq u hi kienet passiggiera mieghu.

Ix-xhud spjegat li kienu telqu minn hemmhekk biex imorru lejn Haz-Zabbar u ghaddew mill-Kottonera fejn hemm ir-roundabout li hemm il-football ground tal-Hibs. X'hin kienu qed iduru mar-roundabout huma ma jafux x'gara, izda f'daqqa wahda sabu l-vittma mal-windscreen. Hija sostniet li l-bqija ma tafx minn fejn gie u lanqas rat xi dawl, huma sabuh totalment ma’ wicchom. Hija ma ndunatx li kien gej lejhom. Ix-xhud taf li habat man-naha tax-xufier tal-karozza fuq il-bonnett u mal-windscreen. Sussegwentament hija bdiet tippanikja ghax ma riditx temmen peress li kienu ghaddejin bil-mod u kienu qed iharsu. Wara hargu n-nies minn tal-Hibs u harguha huma mill-karozza. Hija tiftakar li kienu ghadejjin bi speed ta’ b’ghaxra jew b’ghoxrin. Ir-reazzjoni ta’ Darren kienet li ma riedx jemmen u mal-ewwel hareg biex jara ghax hargu n-nies jaraw u ppruvaw icemplu

mal-ewwel. Hija tiftakar li malli harguha n-nies dahluha gewwa u bdiet tistaqsihom x'beda jigri u mbaghad ratu li kien mutur. Ix-xhud qalet ukoll li ma kellux helmet. Ix-xhud giet muriha ritratti li huma esebiti a fol. 66 tal-Proces Verbal sabiex tikkonferma fejn sehh l-impatt. Hija kkonfermat li fl-ewwel ritratt il-karozza tidher li kienet quddiem il-ground u cioe' fejn sehh l-incident.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro ezami fejn spjegat illi huma dak il-hin kienu ser jaqbdu t-triq ghal Haz-Zabbar u daru mar-roundabout ta' Moran. Ix-xhud giet murija ritratt li jinsab a fol. 46 tal-Proces Verbal li hu mmarkat bhala Dok. 06 BKR 101 fejn tidher il-vettura minn wara u giet mitluba tikkonferma li dik il-pozizzjoni tal-vettura u baqghet hemmhekk tal-impatt. Mistoqsi jekk kienux sejrin lejn ir-roundabout jigifieri lejn in-naha tax-xellug u mhux lejn in-naha tal-lemin wiegbet illi ma kinitx taf fejn qieghda, li taf hu li lejn Haz-Zabbar izda ma tafx liema triq kien ha jaqbad ix-xufier. Hija stqarret illi thalli f'idejh u ma toqghodx tistaqsih x'direzzjoni se jiehu meta jsuq. Ix-xhud cahdet li kienu miftehmin li jmorru *shopping* izda qalet li kienu sejrin id-dar.

Ix-xhud iddikjarat illi ma tistax tghid jekk il-vettura ccaqalqitx mal-impatt. Hija taf biss li kienu ghaddejin minn hemmhekk u li kienu mixjin bil-mod. Ix-xhud ikkonfermat li kienu ghadhom kemm hargu minn mar-roundabout u din ir-roundabout kienet qieghda b'tali mod li ma tantx tara t-triq.

**PS 1257 Conrad Ellul** xehed fit-30 ta' April, 2010 fejn esebixxa okkorrenza li kien dahhal huwa stess rigward l-accident mertu tal-kawza. Din l-okkorrenza giet immarkata bhala Dok. CEP 1. Huwa kkonferma li l-okkorrenza hija ffirmata minnu.

Minn ezami ta' din l-okkorrezna jirrizulta li xi hadd kien cempel l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid u kien irraporta li kien hemm incident awtomobilistiku f'Corradino Industrial Estate u meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu li l-paramedici kienu diga' marru fuq il-lok tal-incident. Minn investigazzjonijiet li nzammu preliminarjament irrizulta li kienet '*a head on collosion*'. Il-vettura tal-ghamla Hyundai Getz numru ta' registrazzjoni ABL 546 li kienet qed tigi misjuqa minn Darren Borg l-imputat kien qed idur mar-roundabout fi Triq Isqof Buhagiar u wara xi mitt metru 'l boghod mir-roundabout kien hemm mutur tal-ghamla Honda numru ta' registrazzjoni FAH 686 misjuq minn Carmel Fenech li baqa' diehel fil-vettura Hyundai. Il-mutur spicca xi ghaxar metri 'l boghod mill-vettura lura u l-kadavru ta' Fenech kien f'nofs il-habta bil-crash helmet il-boghod minnu mal-art.

Minn din l-okkorrenza jirrizulta ukoll li hemm deskrizzjoni tat-triq u tal-kundizzjoni tat-temp. Jirrizulta li l-incident sehh f'kurva fi triq li ghandha *dual carriae way*. It triq kienet niexfa u l-incident sehh filghaxija.

**Stephen Cachia** xehed fis-7 ta’ Lulju, 2010 in rapprezentanza ta’ Transport Malta. Huwa spjega li l-vettura tat-tip Hyundai Getz hija ta’ kulur iswed u hija registrata fuq Darren Borg detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 364583M. Din ilha registrata fuq l-isem ta’ din il-persuna mill-20 ta’ Frar, 2003 u ghadha hekk sa llum.

**Dr Michael Spiteri** xehed fis-Seduta tal-25 ta’ Ottubru, 2010, fejn iddikjara illi fit-12 ta' Mejju, 2006 huwa bhala tabib tal-emergenza kien gie msejjah biex imur limiti ta' Kordin fuq incident bejn karozza u mutur. Skond informazzjoni li kellu s-sewwieq tal-mutur kien f'kundizzjoni gravi hafna. Meta waslu fuq il-post qalb il-pazjent kienet diga’ wieqfa u kellu evidenza ta' griehi gravi f'rasu. Fuq il-post taw l-ewwel ghajnuna forma ta' *resuscitation* u stqarr illi kull sforz li ghamlu biex jirrianimaw lill-pazjent falla. Ghaldaqstant iccertifikaw lill-pazjent mejjet ftit tal-hin wara.

Ix-xhud gie muri sett ta' erbgha u tletin ritratt formanti parti minn relazzjoni mmarkata bhala Dok. PG liema relazzjoni qieghda fil-Proces Verbal esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RM 1 u kkonferma li minn dawn ir-ritratti juru c-cirkustanza tal-incident li dwaru kien qieghed jixhed. Huwa gharaf il-lokalita' kif ukoll il-vettura u anke l-persuna li hawnhekk qieghda bhala l-vittma. Ix-xhud zied jghid ukoll li mill-verifiki li ghamlu rrizultalhom illi l-isem tal-mejjet kien Carmel Fenech. Din il-persuna kellha griehi gravi hafna, u kienu griehi estizi l-iktar fir-ras.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert tas-SOCO PS 1184 Pierre Grech kif esebit fl-atti tal-inkjesta u sussegwenement f'dawn l-istess proceduri u flimkien ma' din ir-relazzjoni l-Qorti ezaminat l-erbgha u tletin ritratt (34) annessi mar-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tossikologu Dr Michael Sammut esebit fl-atti tal-inkjesta u sussegwenement esebita f'dawn l-atti u minn ezami taghha jirrizulta li Charles Fenech is-sewwieq tal-mutur ma kienx taht xi influwenza ta' xorb waqt li kien qed isuq il-mutur tieghu.

Rat ir-relazzjoni tal-eseprt tekniku Joseph Zammit esebita fl-atti tal-inkjesta mmarkata bhala dok JZ u sussegwentement esebita fl-atti u minn ezami tal-istess jirrizutla s-segwenti:-

a. Illi l-vettura misjuqa mill-imputat u l-mutur misjuq mill-vittma Charles Fenech kellhom hsarat estensivi kkagunati bl-istess incident.
b. Il-mutur kien jinstab fi stat ta' '*beyond economical repair*'.
c. Il-hsara fuq il-vettura tal-imputat ghalkemm estensiva tista' titranga.
d. Illi minn ezamijiet teknici li huwa ghamel fuq iz-zewg vetturi ma nstabu l-ebda provi li dan l-incident seta sehh minhabba xi hsara li setghet sehhet fuqhom qabel l-incident.

**L-imputat Darren Borg** xehed fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine tal-incident u kkonferma li l-vettura tal-ghamla Hyundai Getz numru ta' registrazzjoni ABL - 546 hija prorpjeta' tieghu u ilha registrata fuqu ghal dawn l-ahhar tlett snin. Qal li ghall-habta tas-7.00p.m huwa u t-tfajla tieghu Chantelle kienu sejrin lura d-dar ghall-habta tas-7.00p.m mid-direzzjoni ta' Ras il-Hanzir lejn Haz-Zabbar. Qal li dakinhar ma kienx xorob xejn u medicinali ma kienx ha l-anqas. Xehed li hekk kif kien ser jaqbad ir-roundabout li hemm fl-ahhar ta' Corrradino Hill, f'daqqa wahda ra mutur quddiemu. Stqarr li ma jafx bil-kemm kien gej izda hu cert li hu ma kienx ghaddej aktar minn 40km/fs peress li t-tfajla tieghu kienet tqila. Xehed ukoll li ghafas il-brejk f'daqqa u li ma dawwarx l-isteering. Qal li l-mutur habat go fih u ghola. Ra s-sewwieq tal-mutur jaqa' fuq il-vettura tieghu b'rizultat li l-windscreen ta' quddiem tal-istess vettura tkisser. Xehed illi hareg mill-vettura u ra s-sewwieq tal-mutur mal-art. Jghid ukoll li s-sewwieq tal-mutur ma kienx liebes helmet u wara l-habta s-sewwieq kellu ferita f'rasu u demm f'halqu. Malli ra hekk mar jipprova jghinu izda beza' u kien qed ibati minn xokk.

Nhar il-31 ta' Jannar, 2011, hames snin wara l-incident awtomobilistiku l-imputat xehed il-Qorti minn jeddu u b'mod volontarju fejn iddikjara li fit-12 ta' Mejju, tas-sena 2006 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru

ta' registrazzjoni ABL 546 gewwa triq l-Isqof Buhagiar, Paola. Huwa stqarr illi dakinhar kien ghadu kif mar jistad u kien mat-tfajla tieghu li dak iz-zmien kienet *pregnant* b'sitt xhur tqala. Huwa staqsiha x'kienu ser jieklu u hija wegbitu hobz biz-zejt u mbaghad kienu zarmaw fis-sens li waqfu mis-sajd, zarmaw u telghu 'il fuq. Kif huwa qabad it-Triq Isqof  Buhagiar huwa dar mar-roundabout u f'daqqa wahda sab lill-persuna u cioe’ il-mejjet Carmel Fenech litteralment quddiem wiccu fuq il-windscreen. Huwa spjega li kien lahaq dar ir-roundabout kollha u kien qabad it-triq meta gara li sab quddiemu mal-windscreen lil Carmel Fenech. L-imputat iddikjara li assolutament fl-ebda hin ma kien innota qabel lil dana Carmel Fenech. Dan litteralment rah meta tfacca quddiem il-windscreen tieghu. Huwa spjega li r-reazzjoni tieghu meta sehh l-impatt kien illi mill-ewwel ghamel brejk. Bhala *speed* ikkalkula li kien ghaddej qisu xi 40km fis-siegha. Huwa kien qieghed fuq il-lane tieghu meta sehh l-impatt.

L-imputat sostna li dakinhar ma kien xorob l-ebda forma ta' alcohol. Huwa kellu bhala passiggiera mieghu lit-tfajla tieghu li kienet sitt xhur tqila. Wara li waqqaf il-karozza l-imputat kellu paniku kbir u hareg barra mill-karozza. Huwa jaf li giet kwantita’ ta' nies minn tal-lokal u nies ukoll minn tan-*nursery* tal-football. Dawn ghenu lit-tfajla tieghu biex idahluha 'l gewwa halli jaghtuha kafe’ ghax hija kellha xokk fuqha. L-imputat tenna li kif Carmel Fenech habat mal-*windscreen,* gie fuq  il-bonnet mbaghad tar u spicca mal-art. Meta l-imputat kien hareg mill-karozza tieghu kien ra l-mutur mal-art u allura nduna li Carmel Fenech kien isuq mutur. Il-*crash helmet* kien qieghed mal-art.

Huwa jiftakar illi l-mejjet zgur kellu daqqa fuq rasu u kellu demm hiereg minn halqu. L-imputat bhala hsarat kellu l-*windscreen* li tfarrak u kellu wkoll il-bonnet tal-karozza tieghu mifqugh. Hawn huwa ppreciza li x'hin ra lil Carmel Fenech, l-ewwel li ra, ra bhala bniedem quddiemu pero' mbaghad x'hin Carmel Fenech habat mal-*windscreen* tieghu u mbezaq lura, innota kemm lilu u kif ukoll il-mutur tieghu. Ghaldaqstant huwa tenna li wara li dana Carmel Fenech kien habat mal-*windscreen* tieghu u hu mbezaq lura, ra lil Carmel Fenech fl-arja kif ukoll ra l-mutur tal-istess Carmel Fenech fl-arja.

Rat it-trattazjoni tal-partijiet fil-fatt gja ttiehdet bit-tape u hija dattilografata u tinsab inserita fl-atti a fol. 61 et seq.

**Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.**

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta ghal nhar il-5 ta' Mejju, 2014 u dan sabiex tara jekk il-partijiet kienux ser jezentaw lill-Qorti mill-htiega li tisma' mill-gdid ix-xhieda li gja xehdu f'dawn il-proceduri u jekk kienux lesti li jittrattaw mill-gdid quddiemha u dan bil-ghan sabiex il-Qorti tiddiferixxi l-kawza

ghas-sentenza wara li rat li ilha hekk differita ghal dan l-iskop sa mit-13 ta' Ottubru, 2013.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2014 il-partijeit ma dehrux quddiemha u ghalhekk din il-Qorti ddiferit il-kawza ghad-9 ta' Mejju, 2014.

Rat illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 dehru l-partijiet fejn ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma' il-provi mill-gdid. Ghamlu referenza ghat-trattazzjoni li tinsab esebita fl-atti a fol. 61 u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Illi ghalhekk din il-kawza tinsab differita quddiem din il-Qorti kif preseduta ghal-lum 19 ta' Mejju, 2014.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in succinct huma s-segwenti:-

a. Illi nhar it-12 ta' Mejju, 2006 l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Hyundai Getz numru ta' registrazzjoni ABL- 546 u mieghu kellu t-tfjala tieghu Chantelle Micallef bhala passiggiera fuq quddiem.

b. Illi l-imputat kien sejjer minn Ras il-Hanzir lejn Haz-Zabbar u ghadda minn hdejn ir-*roundabout* maghrufa bhala ta' Moran meta saret il-habta. L-incident sehh fi Triq l-Isqof Buhagiar.
c. Ma jirrizultax mill-atti minn fejn kien gej il-vittma ghalkemm jirrizulta li l-habta kient wahda *head on* u bhala rizultat is-sewwieq tal-mutur tal-ghamla Honda numru ta' registrazzjoni FAH-686 miet mal-i*spot of impact*.
d. Jirrizulta li kien hemm *skid marks* ta' zewg metri mal-vettura tal-imputat.
e. Jirrizulta li x'aktarx l-vittma ma kienx liebes *crash helmet* u l-vittma miet minhabba habta kbira f'rasu.
f. Skond dak li rrelata l-perit arkitett Simon Saliba l-habta saret fuq il-parti tat-triq fejn kienet gejja l-karozza.

Illi huwa minnu li skond ir-rizultat tal-espert Dr Stefano Filletti l-incident sehh il-barra mill-linja medjana tat-triq tal-imputat u li l-vittma kien ikkontribwixxa ghal dan l-incident pero' bir-rispett kollu dan ma hux il-kompitu ta' espert f'inkjesta li jikkonkludi dwar ta' min hu t-tort izda l-kompitu tieghu hija biss sabiex jakkolji l-evidenza u dan sabiex meta l-Qorti tigi biex tinvestiga u tiggudika l-kaz ikollha quddiemha l-provi kollha li setghu waslu ghall-incident mertu tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Issa, skond l-**Artikolu 646(4) tal-Kap. 9**, il-process verbal jekk regolarment redatt, ghandhu jikkostitwixxi prova fil-process u ma jkunx necessarju li jigu ezaminati x-xhieda, l-esperti u persuni ohra li jkunu hadu parti fl-inkjesta.

Bis-sub artikolu 2, tal-istess artikolu, pero' jaghti d-dritt lill-partijiet li jipproducu l-persuni msemmija fil-process verbal biex jixhdu *viva voce.*

Bis-sub artikolu 4, imbaghad, l-istess **Artikolu 550 tal-Kap. 9**, jistabbilixxi li d-dokumenti kollha u kull oggett materjali, li fir-rigward tieghu l-process verbal ikun gie redatt u li jkun jista' jigi preservat u konsegwentement esibit, ghandu dejjem jigi prodott fil-kors tal-proceduri l-Qorti flimkien mal-processi verbali.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-Qorti tistabbilixxi r-raguni ghaliex in effetti tinzamm inkjesta u dan sabiex jigi preservat il-provi tal-allegat reat.

Ill l-Artikolu **650(1) tal-Kap. 9 jiddisponi** li:

*"Fil-kazijiet kollha li fihom* ***ghall-ezami ta' persuna*** *jew ta' haga tkun* ***tinhtieg hila*** *jew* ***sengha specjali, ghandha*** *tigi ordnata perizja."*

Dan ifisser li l-Qorti hija obbligata li tinnomina perit f'kaz ta' hila specjali, pero' l-**Artikolu 636 tal-Kap. 9 jipprovdi** li:

"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tletin ta' Dicembru, 2004 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Raymond Calleja'** dwar nomina ta' esperti.

Din il-Qorti kkwotat mill-awtur Ingliz **Blackstone** mill-ktieb ***Criminal Procedures*** 2004 para F 101.4 pg 2174 meta jghid:

*"Expert opinion evidence may only be received on a subject calling for expertise which a lay person such as a magistrate or a juror could not be expected to possess to a degree sufficient to understand the evidence given in the case unaided if the tribunal of fact can from its own opinion without the assistance of an expert the matter being dealt with its own experience and knowledge expert opinion evidence is inadmissible because it is unnecessary."*

Issa fil-kaz in ezami bir-rispett kollu din il-Qorti ma thossx li jkun fl-interess tal-gustizzja jekk hija tissostitwixxi l-esperjenza taghha ta' sbatax-il sena f'kawzi tat-traffiku ma' dik tal-espert nominat mill-Qorti u ghalhekk thoss li l-gudizzju ta' kif sehh l-incident ghandha tasal ghalih hi mill-provi u fatti specie tal-kaz.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tabbraccja l-konkluzjonijiet tal-perit Dr Stefano Filleti u dan ghaliex ma taqbilx maghhom u dan in vista ta' dak li rrelata l-perit arkitett Simon Saliba meta jghid li l-incident sehh fuq in-naha tat-triq tal-imputat stess.

Illi ma hemmx dubju li l-habta kienet wahda frontali u bilfors li l-mutur kien mixi b'xi *speed* qawwi ghaliex kieku l-habta ma kinitx tkun daqstant gravi. Ix-xhud independenti Mary Mallia meta xehdet qalet li fl-ebda hin ma semghet xi brejks qawwija u dan meta hija kienet barra fuq il-gallerija propju l-fuq minn fejn sehh l-incident u ghalhekk dan huwa ndikattiv li l-imputat ma kienx qed isuq bi *speed* eccessiv kif donna trid tghid il-proskezzjoni.

Il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat principalment bir-reat ta' Omicidju nvolontarju kif dispost fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel meta jinstab hati,........................."*

U fit-tieni lok l-omicidju nvolontarju sehh allegatament minhabba s-sewqan perikolu, traskurat u bla kont tal-imputat.

X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku.

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Leonard Grech**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1.* *la volontarieta dell'atto;*

*2* *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3 la possibilita di prevedere.*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**', il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju*:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif wkoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw d-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."(*vide '**Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain**', deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950*). "*

Issa fil-kaz in desamina bir-rispett kollu ma jirrizultax li effettivament kien l-imputat li ma osservax ir-regolamenti tat-triq izda addirittura jirrizulta li kien is-sewwieq tal-mutur li wera nuqqas lejn l-osservanza tar-regolamenti. B'mod partikolari jinghad li l-incident sehh fil-karreggjata zbajlata ta' fejn kellu jkun is-sewwieq tal-mutur u ghalhekk m'hemmx dubju li kien hu li kkreja emergenza subitaneja lill-konducent tal-vettura u cioe' lill-imputat. Fit-tieni lok jidher li effettivament kien qed isuq b'xi speed eccessiv u li sahansitra lanqas ma kienx liebes il-crash helmet. M'hemmx dubju ghalhekk li t-tort tal-incident kien qieghed attribwibbli unikament lill-vittma.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 31, 225 u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta'**

**Malta u MVR 75 – Avviz Legali 128/1994 u l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tiddikjara li ma issibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------